**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

(1-3)

Minuti tal-laqgħa Nru : **13** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar it-**Tlieta 17 t' Awwissu 2010 fis-6.30pm.**

# L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-6.45pm.)<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B.Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet MLC05/2010- *Supply and Installation of 9 benches* u MLC 06/2010 – *Cleaning of Culverts*.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist
Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru 12(1) tat-13 ta' Lulju 2010:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa għal aktar dettalji rigward artiklu 2.4 fil-paġna 2.

*Is-Sindku spjega illi l-Kunsill Lokali għandu f'idejh il-kuntratt finali tad-devoluzzjoni ta Ġnien Sant'Anna fejn dan ġie mibgħut lil Lands Department sabiex jiġi ffirmat min naħa tagħhom.*

Il-Kunsillier Is-Sur John B Camilleri irrimarka illi t-tieni paragrafu ta punt 2.4 għandu jinqara kif ġej:

*Is-Sindku qal illi ser juża l-iskema tal-PPP (Private Public Partnership) biex wara diskussjonijiet wieħed ikun jista ikollu avvanz finanzjarju fil-bini amministrattiv hekk kif jibda t-tisbiħ fuq il-ġnien.*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Matters Arising :***

2.1 Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar b'referenza għall-paġna 9 artiklu 4.14 spjega illi l-Kunsill Lokali ħallas l-ammont ta' €17,319.45 lill-kuntrattur Anton Zarb pero fadal cheque ieħor li jammonta għal €692.78 li dan ser jinżamm sakem is-Sur Anton Zarb iġib il-*water fountain* ġewwa l-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne issuġerit illi l-water fountain tiġi installata ġewwa Triq iż-Żonqor quddiem ir-ridott (fil-preżent għassa tal-Pulizija).

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ma qabilx peress illi din it-triq mhijiex triq passaġġa. Il-post fejn trid teħel din il-*water fountain* għad irid jiġi diskuss.

2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa kemm ser jiġi jiswa l-bini tal-Kunsill peress illi meta kien Sindku hu kien ħa stima u xtaq ikun jaf l-ammont inbidilx.

Is-Segretarju spjega illi sabiex inkunu nafu dan hemm bżonn li nitolbu stima approsimattiva lill-Perit tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Sindku kompla jgħid illi kif jiġi ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni noħorġu *expression of interest* sabiex naraw jekk nistgħawx naħdmu mall-privat, kompla jgħid illi tkellem mal-*Lands Department* sabiex jara jekk nistgħux nilħqu kompromess mat-Tiffanys u l-Klabb tal-boċċi sabiex isiru alterazzjonijiet neċessarji. Saret diskussjoni sħiħa dwar dan is-suġġett.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar saqsa jekk il-kuntratt ~~tal-bini tal-Kunsill~~ tad-devoluzzjoni tal-ġnien Sant'Anna għaddiex min taħt idejn xi ħadd professjonali sabiex jifliħ u japprovah qabel ma nkomplu bix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntratt li ħareġ mil-*Lands Department* joħroġ bil-kundizzjonijiet tagħhom u ma jistgħux jiġu emendati u l-Kunsill se jkollu joderixxi ma dawn il-kunizzjonijiet peress li l-Kunsill se jkollu titlu fuq l-art devoluta lilu u kull proposta trid tiġi approvata dejjem mid-Dipartiment konċernat.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa fuq punt 4.8 peress illi ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

Is-Segretarju spjega kif il-Kunsill kien iċċekja ma' Kunsill ieħor rigward is-servizz ta' handyman u qal li kien jitħallas bir-rata fis-siegħa u l-Kunsill ma kienx qabel li jinħareġ kuntratt simili.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-aħħar pagamenti kellna ħafna pagamenti lil Koptasin fir-rigward ta' road markings u propona li parti minn dan ix-xogħol jibda isir is-Sibtijiet mill-Ħaddiema tal-Kunsill permezz ta' overtime dejjem jekk ikun jaqbel aktar lill-Kunsill.

Is-Sindku spjega illi marki ta' karreġġati ġodda dejjem saru min naħa tal-Koptasin u l-ħaddiema tagħna jagħmlu refreshing u dan isir fil-ħin tax-xogħol tagħhom u b'hekk inkunu qed nilimitaw l-overtime.

Il-Kunsill qabel illi xogħol ta' road markings jkompli jsir min naħa tal-Koptasin.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk it-toroq li kienu saru mill-Gvern hux qed isirilhom marki ta' karreġġati u tabelli neċessarji min naħa tal-Gvern.

Il-Kunsill innota illi peress li dawn it-toroq li kien qed jirreferi għalihom il-Viċi Sindku kienu ilhom li saru min naħa tal-Gvern Ċentrali, l-Kunsill ma ħa l-ebda passi u għamel il-marki u tabelli meħtieġa min naħa tiegħu.

3.0 ***Ħlasijiet :***

3.1 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

## LISTA TA' ĦLASIJIET – 17/8/10 #13(1)

•Contracts Manager report available.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Graphics** | Newspapers | 19/07/2010 | 59814 | 156.76 |
| 2 | **JV Woodworks & DIY Service** | Wood | 22/07/2010 | 51 | 18.60 |
| 3 | **Tutto Sport** | IPSL Uniforms | 19/07/2010 | 16229 | 150.00 |
| 4 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience July | 03/08/2010 | MLC/10/70345 | 655.15 |
| 5 | **GO plc** | Telephone Bills - 21637744 | 12/07/2010 | 23964403 | 26.82 |
| 6 | **GO plc** | Telephone Bills - 21632861,21633887, 21637171 | 12/07/2010 | 23964401 | 389.72 |
| 7 | **Med Design Assoc** | Professional Fees - Pavement Works | 13/07/2010 | 30004198 | 94.97 |
| 8 | **Med Design Assoc** | Professional Fees - Douzelage Monument | 13/07/2010 | 30004200 | 245.00 |
| 9 | **Med Design Assoc** | Professional Fees | 19/07/2010 | 30004227 | 544.44 |
| 10 | **Med Design Assoc** | Professional Fees - Playingfield Triq il-Qaliet | 04/08/2010 | 30004307 | 146.01 |
| 11 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Mirros & Signs | 26/05/2010 | 13198 | 1283.20 |
| 12 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Traffis Signs | 10/06/2010 | 13208 | 773.11 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Road Markings | 13/07/2010 | 13393 | 202.60 |
| 14 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Road Markings | 14/07/2010 | 13394 | 649.85 |
| 15 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Road Markings | 13/07/2010 | 13391 | 215.71 |
| 16 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Road Markings | 13/07/2010 | 13392 | 158.68 |
| 17 | **Koperativa Tabelli u Sinjali Departmental Voucher** | Sings & Mirror | 27/07/2010 | 13436 | 905.16 |
| 18 | **Hempel (Malta) Ltd** | Paint | 14/07/2010 | 108640 | 261.96 |
| 19 | **Melita p.l.c** | Cable TV Aug - Sep | 01/08/2010 | 29072150 | 19.98 |
| 20 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Warden services - June 2010 | 09/07/2010 | JC-003/MSA | 4453.32 |
| 21 | **Mr. Charlot Mifsud** | Reimbursment of Expenses trip to Gozo wuth Shearbourn representative 17/07/2010 | | | 79.50 |
| 22 | **Avantech** | Printer | 16/07/2010 | 136438 | 116.01 |
| 23• | **Polidano Brothers** | Construction of Public Garden Hamrija/Sibbien/Isfar 1st Part Payment | 19/07/2010 | 25100-05 | 17532.77 |
| 24 | **Ms Graziella Mallia** | Librarian - July 10 | | | 145.75 |
| 25 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 20/07/2010 | 2657 | 197.23 |
| 26 | **Image Systems Ltd** | Photocopier Rent | 30/06/2010 | RENT/040627 | 59.20 |
| 27 | **Supreme Travel Ltd** | Trip from Cirkewwa to M'Skala & Return 30/05/2010 | 31/05/2010 | 3400 | 259.60 |
| 28 | **Supreme Travel Ltd** | Trip from Cirkewwa to M'Skala & Return 05/06/2010 | 15/06/2010 | 3446 | 118.00 |
| 29 | **SR Services Ltd** | 25 Bins | 11/05/2010 | P10/078 | 737.50 |
| 30 | **Gesco Signs Ltd** | Printing of 2 banners | 04/08/2010 | 11338 | 236.00 |
| 31 | **Horizons** | 2 Books Battuti | 05/08/2010 | 59 | 20.00 |
| 32 | **Vodafone Malta Ltd(The Treasury)** | Mobile Service - June 2010 | 01/07/2010 | 2015432072010 | 395.00 |
| | **Mr John B Camilleri** | Reimbursment of Expenses for MSCT Activity | 29/07/2010 | | 14.70 |
| 33 | **Mr.Alfred Debono** | Refund of Expenses July 10 | 10/08/2010 | | 40.00 |
| 34 | **In Design** | Uniforms | 22/06/2010 | 27119 | 87.85 |

## LISTA TA' HLASIJIET ADDIZJONALI – 17/8/10 #13(1)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 35* | **Mr P. Piscopo** | Hiring of tables & chairs in Arti fil-berah 28-30/05/2010 | 04/08/2010 | 11 | 210.00 |
| 36 | **Vodafone Malta Ltd(The Treasury)** | Mobile Service-July 2010 79637171 | 01/08/2010 | 2051691082010 | 138.62 |
| 37 | **Vodafone Malta Ltd(The Treasury)** | Mobile Service-July 2010 99450861 | 01/08/2010 | 2051693082010 | 282.27 |
| 38 | **Dino Signs** | Sign on perspex | 13/08/2010 | 769 | 160.00 |
| 39 | **GO plc** | Telephone Bill 21632861, 21633887, 21637171 | 09/06/2010 | 23820250 | 383.29 |
| 40 | **PC Wizards** | Canon Cartridges | 12/08/2010 | 181 | 168.00 |
| 41 | **ARMS** | Electricity Bill Public Garden Triq is-Salvja | 10/08/2010 | 12567714 | 251.01 |
| 42 | **ARMS** | Electricity Bill Public Garden Triq is-Salvja | 10/08/2010 | 12567715 | 277.84 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | **ARMS** | Electricity Bill Public Fountain water pump in public garden | 10/08/2010 | 12567716 | 721.96 |
| 44 | **ARMS** | Electricity Bill in playing field Misrah Mifsud Bonnici | 10/08/2010 | 12567717 | 759.07 |
| 45 | **Hempel (Malta) Ltd** | Paint | 11/08/2010 | 109613 | 502.09 |
| 46 | **Supreme Travel Ltd** | Trip form M'Skala to Golden Harvest & Return - 22/06/2010 | 30/06/2010 | 3483 | 53.10 |
| 47 | **Mr. Lawrence Cauchi** | Professional Fees June 10 | 31/07/2010 | 2010065 | 569.61 |
| 48 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience - Extra Service Rendered July 2010 | 09/08/2010 | ES/10/2009345 | 1427.80 |
| 49 | **Golden Gate** | Stationery | 10/08/2010 | 353209 | 336.29 |
| 50 | **Ocean Reef Hotel** | Douselage | 10/08/2010 | 2010 | 200.00 |
| 51 | **Med Design Assoc** | Professional Fees Construction of Public Garden | 13/08/2010 | 30004351 | 165.60 |
| 52 | **Med Design Assoc** | Professional Fees Paving woks in Triq in-Nadur & Triq l-Arzell | 13/08/2010 | 30004354 | 37.80 |
| 53 | **Med Design Assoc** | Professional Fees Playing Field Triq il-Qaliet | 13/08/2010 | 30004356 | 100.34 |
| 54• | **Karmig Ltd** | Construction of Playing Field in Triq il-Qaliet | 13/08/2010 | 25100-17 | 3231.19 |
| 55• | **Karmig Ltd** | Pavement Works at Triq in-Nadur and Triq l-Arzell | 13/08/2010 | 25100-37 | 1217.13 |
| 56• | **Polidano Brothers** | Construction of Public Garden Hamrija/Sibbien/Isfar 2nd Part Payment | 19/07/2010 | 25100-05 | 5332.58 |
| 57 | **HSBC p.l.c (Toni's Wine & Spirit)** | Beverages | 16/08/2010 | 1026222 | 74.30 |
| 58 | **EcoPure** | Table Water | 30/07/2010 | 472854 | 29.74 |
| 59 | **EcoPure** | Table Water | 31/05/2010 | Credit Note 37737 | -8.75 |
| 60 | **Go plc** | Telephone Bill 21632861, 21633887, 21637171 | 12/08/2010 | 24138697 | 501.90 |
| 61 | **Go plc** | Telephone Bill 21637744 | 12/08/2010 | 24138699 | 24.21 |
| 62• | **Ronald Bezzina** | Extra Work | 30/07/2010 | 33 | 695.00 |
| 63• | **Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting in Non Urban Roads July 10 | 30/07/2010 | 31 | 4026.00 |
| **Lista ta' Ħlasijiet illi għaddew mil-Laqgħa tal-Kunsill** | | | | | |
| 64• | **ELC** | Parks & Gardens July 10 | 31/07/2010 | 6443 | 1543.75 |
| 65• | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting in Non Urban Roads July 2010 | 30/06/2010 | 20 | 488.20 |
| 66• | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse May 2010 | 30/05/2010 | 8 | 1092.86 |
| 67• | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse June 2010 | 30/06/2010 | 9 | 1641.43 |
| 68• | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse July 2010 | 30/07/2010 | 10 | 1624.95 |
| 69 | **Nexos Stret Lighting** | Street Lighting | 16/08/2010 | 1037 | 1665.96 |
| *** Pagamenti għall-Attivita Arti fil-berah 2011** | | | | | |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

3.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mhuwiex kuntent bil-ħidma tal-ELC u dan għaliex mhumiex qed jimxu mar-rekwiżiti mniżżla fit-tender.

Ġie deċiż illi jibdew jintbgħatu *default notices* wara li l-istess Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ikun spezzjona x-xogħol, fejn dan jara li hemm nuqqas jirraporta lis-Segretarju Eżekuttiv u hu joħroġ dawn id-*default notices*.

3.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal illi l-kont tan-Nexos daħal illum u b'hekk ma setgħax jiċċertifikah pero qal ukoll li għandu jgħaddi mall-ħlasijiet u jiġi ċċertifikat wara u jekk ikun il-każ isiru l-arranġamenti neċessarji fil-ħlas.

3.2 Ħlasijiet b'urġenza

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**LISTA TA' ĦLASIJIET B'URGENZA – 13/7/10 #12(1)**

• Contracts Manager report available.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 14/07/2010 | | 50.00 |
| 2 | **Mr.Anthony Portelli** | Office Rent Aug/Sept/Oct 10 | 14/07/2010 | | 2445.84 |
| 3 | **D.O.I** | Advert - Restawr ta' Niccec | 19/07/2010 | | 9.32 |
| 4 | **Selves** | Petty Cash July 10 | 22/07/2010 | | 224.17 |
| ♣5 | **Waterline Café** | 13 persons from Latvia representative | 23/07/2010 | | 350.00 |
| 6 | **BOV** | Charges for Swift transfer re chq no 6745 | 23/07/2010 | | 35.00 |
| 7 | **Mr. Peter Zammit** | Reimbursement - visit of Douzelage President | 26/07/2010 | | 90.15 |
| ♣8 | **Terra e Mare** | Douzelage official meeting re clergy project | 26/07/2010 | | 300.00 |
| 9 | **C.I.R** | FS5 July 2010 | 27/07/2010 | | 1765.32 |
| 10 | **Sindku** | Honoraria July 2010 | 27/07/2010 | | 795.50 |
| 11 | **Segretarju Ezekuttiv** | Salary - July 2010 | 27/07/2010 | | 1,871.03 |
| 12 | **Impjegat F** | Salary - July 2011 | 27/07/2010 | | 1,244.48 |
| 13 | **Impjegat C** | Salary - July 2012 | 27/07/2010 | | 1,009.36 |
| 14 | **Impjegat D** | Salary - July 2013 | 27/07/2010 | | 907.96 |
| 15 | **Impjegat H** | Salary - July 2014 | 27/07/2010 | | 896.44 |
| 16 | **Impjegat I** | Salary - July 2015 | 27/07/2010 | | 989.50 |
| 17 | **Lourdes Service Station** | Fuel for van & grass cutting machine | 27/07/2010 | | 70.00 |
| 18 | **D.O.I** | Advert - Quotations MLC05/2010 & MLC 06/2010 | 29/07/2010 | | 9.32 |
| 19 | **Mr. Anton Zatb** | 50 Benches | 30/07/2010 | | 17,319.45 |
| 20 | **R&A Waste Service Ltd** | Refuse Collection July 2010 | 09/08/2010 | | 10,739.60 |
| 21 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 13/08/2010 | | 50.00 |
| 22 | **Industrial Projects & Services Ltd** | IPSL employees overtime | 16/08/2010 | | 442.56 |

**♣ €500 sponsor from wasteserv**

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

4.0 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

4.1 **Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi se jibda jaħdem sabiex joħorġu sejħiet għall-offerti għall:

*Grass Cutting in Non Urban Roads* li għalqet fi 31 ta' Marzu 2010 u li l-Kunsill kien ta 6 xhur estenzjoni.

*Street Sweeping and Grass Cutting* li ser tagħlaq fil-31 ta' Diċembru2010

Insurance tal-Kunsill kif ukoll it-tender għal ġbir ta' skart.

4.2 **Dog Trust Roadshow (35/4815/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din hija attivita amalgamata ma' Ġimgħa Marsaskala fejn ser isir *dog show* filogħodu.

4.3 **l-Ħlas għat-tariffi ta' Ġbir ta' skart (35/4677/10/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li għalissa jkun tajjeb jekk inħallsu r-rata imnizzla fl-allokazzjoni finanzjarja u mhux il-kont sħiħ dan peress li l-kontijiet tal-Wasteserv ta' kull xahar qiegħdin jammontaw għal aktar minn dak li ġie allokat lilna mill-Gvern Ċentrali. L-AKL fil-fatt kienet bgħatet email lill-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

4.4 **Triq l-Għassies (35/4684/10/I):**

Il-Kunsill qabel mall-proposta mibgħuta lilu mill-Uffiċju Eletorali illi din it-trejqa fi Triq l-Għassies kantuniera ma Triq in-Nadur tingħata l-isem ta' Triq l-Oranġjo.

4.5 **Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li bl-għajnuna tal-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett irnexillna niksbu s-somma ta' €1,300 permess ta' applikazzjoni li ssottomejna għal iskema Premju Lokalitajiet indaf.

4.6 **Allokazzjoni li ngħatat lill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala rigward Lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali :**

Is-Sindku qal illi bis-saħħa tas-Segretarju Eżekuttiv irnexxilna niksbu s-somma ta' €16,000 wara li d-Dipartiment kien allokalna s-somma ta' €8,000 u s-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat e-mail lis-Sinjura Cynthia Misokova fejn spjega li s-somma sottomessa lilna ma kinitx tkopri l-ispejjez kollha li l-Kunsill Lokali jħallas għal servizzi addizjonali fix-xhur tas-sajf minħabba l-influss ta' residenti li jżuru lil Marsaskala kif ukoll dawk li jiġu villeġjatura. Dawn irrivedew din it-talba u rdopjawlna l-ammont.

4.7 **Book on walking in Malta (35/4664/10/I):**

Il-Kunsill qabel illi nixtru żewġ kotba bl-isem *Malta 10 Great Walks.*

4.8 **Premju Anzjan tas-Sena (35/5057/10/I):**

Il-Kunsill qabel li jiġi nnominat is-Sur Lino Bugeja fejn dan huwa bniedem li jaħdem ferm għal-Lokalita' u jorganizza passiġati, jieħu ħsieb l-ambjent, jiġġiled għad-drittijiet tal-ambjent u huwa bniedem attiv ħafna. Jekk dan ma jaċċettax li jiġi nnominat it-tieni għażla tkun dik tas-Sur Joe Chetcuti fejn dan ukoll jgħin ħafna fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

4.9 **Private Public Partnership:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li trid tinħareġ tender tal-PPP(Private Public Partnership) wara li tiġi approvata min naħa tal-Gvern Ċentrali kif kien ġie spjegat lilna permezz ta' diversi Memos.

Is-Segretarju spjega li l-Kunsill Lokali jista jalloka l-ammont ta' €200,000 x'jintuża fuq dawn it-toroq, dan peress li skond kif kien għadu kif ġie approvat fil-Business Plan il-Kunsill Lokali kellu €150,000 allokati fuq proġetti Kapitali għas-sena 2010 u l-istess ammont għas-sena 2011. B'hekk il-Kunsill se jalloka €200,000 mit- €300,000 fuq proġetti Kapitali filwaqt li l-ammont l-ieħor għandu jkopri għax-xogħol ta' bankini, patching u affarijiet oħra li jistgħu jinqalgħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn qal li kemm fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-gazzetti l-oħra ġew ippubblikati listi ta' toroq li ser isiru fi żmien sena meta dan mhux ser ikun possibli kemm minħabba r-restrizzjoni taż-żmien kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' finanzi f'dan ir-rigward. Dan minħabba li l-Kunsill ta' Marsaskala issottometta lista ta' 20 triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif aħna konna rrispondejna għall-Memo 9/2010 fejn konna tajna l-lista ta' toroq li ridna li jsiru u konna erġgħajna rrispondejna Memo 50/2010 fis-seduta numru 9 u konna erġgħajna bagħtna l-istess lista.

Is-Segretarju staqsa lill-Kunsill sabiex jgħażlu l-ewwel grupp ta' toroq li rridu li jsiru sabiex ikun jista jgħaddihom lid-Dipartiment peress illi ġie mitlub jaqsam l-20 triq f'4 gruppi skond email mibgħuta mis-Sinjura Cynthia Misokova.

Il-Kunsill qabel illi niktbu ittra lid-Dipartiment fejn ninfurmawhom bid-deċiżjoni tal-Kunsill pero fl-istess ħin niġbdulhom l-attenzjoni tal-preokupazzjoni tal-Kunsill minħabba li ġew ippubblikati t-toroq kollha fil-media.

Is-Sindku qal li hemm bżonn li nispjegaw lir-residenti illi mhux ser ikun possibli li jsiru l-20 triq fis-sena 2010 peress illi ġiet ippublikata din l-istqarrija fil-gazzetti.

Il-Kunsill fis-sena 2010 qabel li ngħażlu dawn it-toroq għall-ewwel lista:

Triq l-Iskal
Triq il-Ġemmugħa
Triq l-Għawwiema
Triq Ġebel Ħanxul
Trejqet ix-Xibka – Liema triq ma kienitx fil-lista iżda l-Kunsill bi qbil unanimu iddeċieda li jinkludi din it-triq.

Saret analiżi tal-lista ta' għoxrin triq u s-Segretarju Eżekuttiv spjega li meta wieħed jaqra l-lista tat-toroq jara li hemm ċertu toroq li ma jistgħux isiru qabel ma jkun lest il-proġett ta' Monita. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mall-iżviluppatur ta' Monita biex jagħmel tajjeb għall-ħsarat fit-toroq li ġejjien ta' Monita,San Luqa u San Ġużepp li wkoll qiegħdin imniżżlin fil-lista tal-Kunsill filwaqt li fi Triq La Senglea se jsir patching estensiv. Triq Sant'Anna diġa saret mill-Gvern Ċentrali.

4.10 **Pagamenti dwar bibita u ikla f'Marsaxlokk u użu tal-Mobile phone:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif id-Dipartiment ġibdulna l-attenzjoni dwar il-flus li ntefqu fil-bibita tal-Milied kif ukoll fl-ikla tal-Kunsilliera u l-istaff li saret ġewwa Marsaxlokk peress li attendew il-partners ta' l-istaff u l-Kunsilliera fejn din ma kinitx permessibli għaliex ma taqax taħt il-funzjonijiet statutorji tal-Kunsill u b'hekk il-flus li ntefqu għall-Bibita kif ukoll nofs l-ammont ta' l-ikla tal-Milied se jitnaqqsu mil-allokazzjoni finanzjarja.

Is-Sindku qal li ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni għall-fatt li ma kienx hemm pre avviż fejn l-ikla tal-Milied mal-partners kif ukoll il-bibita tas-sena li għaddiet mhiex permessibli.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu ittra fejn tgħid illi wara il-laqgħa li saret illum il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett inkwistjoni u ma qabilx kif ġejna ppenalizzati fuq xi ħaġa li ma konniex nafu biha pero fl-istess waqt il-Kunsill ser jieħu azzjoni billi ma jerġax jirrepeti dawn l-attivitajiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza li bgħatet is-Sinjura Gemma Debono rigward l-kontijiet tal-mobile phone tas-Sindki fejn tgħid illi b'effett minn Awwissu l-kontijiet għandom jibdew jitħallsu mis-Sindki. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-*attenzjoni tal-Kunsill li issa nħareġ l-Avviż Legali 374/2010 dwar Allowances lis-Sindki u* l-Kunsilliera . Ġie nnotat ukoll illi d-Dipartiment żied l-allowance tas-Sindku għall- €1,600 fis-sena fejn ikopru l-ispejjes inkluż il-kontijiet tal-mobile phone.

4.11 **<u>Marsaskala Local Council 3 sites (35/5083/10/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċevejna stima ta' pots bil-fjuri għall-Ġnien l-ex Kunsillier David Vella mingħand l-ELC fejn l-ewwel stima kienet tammonta għall-2,682.71 u stima riveduta li kienet tikkonsisti minn inqas xtieli pero tammonta għall- €1,676.24 eskluż il-VAT.

Peress illi ż-żmien huwa ristrett ħafna għall-ftuħ ta' dan il-ġnien il-Kunsill iddeċieda li tintgħażel it-tieni kwotazzjoni anke għall-fatt li l-ELC huma l-istess kuntratturi li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' pjanti u xtieli fil-Lokal ta' Marsaskala.

4.12 **<u>Librerija f'Marsaskala (35/4866/10/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne spjegat kif qed issir manutenzjoni ġewwa l-librerija ta' Marsaskala kif spjegat fl-email mibgħuta mis-Sur Steve Borg, is-Sinjura Fearne qalet ukoll illi hemm bżonn li jsir xkaffar ġdid fejn dan ix-xogħol ser isir min naħa tad-Dipartiment tal-Libreriji filwaqt li l-Kunsill iħallas l-ispejjes tal-materjal li ser jiġi jammonta għall-€3,000. Hija kompliet tgħid li s-Sindku qed jipprova jsib sponsor għall-dawn l-ixkaffar.

Is-Sinjura Carmen Fearne kompliet tgħid li hemm bżonn li jinxtraw 3 tabelli tal-ħadid *on pole bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija.*

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-proposti.

4.13 **<u>Progress report rigward Ġnien l-ex Kunsillier David Vella:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri spjega x'qed isir fuq id-dwal fil-ġnien, ġibed l-attenzjoni ukoll fuq il-logħob tal-molol li ġew imwaħħla fil-ġnien spjega kif dawn suppost ikollhom distanza ta' 1.5 metri l-bod mill-konkos mentri fil-verita qiegħdin viċin ħafna u qiegħdin ta' periklu kbir għal xi tfal li jkunu qed jilgħabu fuqhom.

Il-Kunsill ser jara x'azzjoni mmedjata għandu jieħu.

Is-Sur John B.Camilleri kompla jgħid illi l-fossa li kien hemm imkissra ġewwa San Tumas ġiet irranġata pero hemm bżonn li jinxtara għatu għaliha.

Il-Kunsill qabel li jinxtara dan l-għatu.

Is-Sur John B.Camilleri spjega illi qed ikun hemm problema fil-Latrina ta' San Tumas fejn meta l-attendant jaħsel l-ilma kollu qed imur fil-bajja fejn ikun hemm in-nies. Is-Sur Camilleri issuġerixxa li jsir kanal sabiex l-ilma jiġi idevjat fil-ġnien u nevitaw l-inkonvenjent għal dawk li jkunu qiegħdin fuq il-bajja.

Il-Kunsill approva unanimament.

4.14 **Nominazzjoni għall-Premju Ġieħ Marsaskala:**

Is-Sindku qal illi kellna applikazzjoni waħda dik ta' Emanuel Grogan fejn dan ħadem ħafna xogħol manwali bla ħlas fil-Każin tal-banda .

Il-Kunsill approva unanimament li ġieħ Marsaskala imur għal-imsemmi s-Sur Emanuel Grogan.

4.15 **Kiosk ta' San Tumas:**

Is-Sindku qal illi t-tined li kien hemm fl-imsemmi kiosk ġew imneħħija permezz ta' l-infurzar li sar minn naħa tal-Mepa filwaqt li s-sid kien applika lill-MEPA biex iġib il-permessi neċessarji. Ittieħdu passi ukoll biex jitnaddaf wara l-kiosk.

4.16 **Kor tat-tfal tal-paroċċa Sant'Anna (35/5008/10/I):**

IS-Sindku spjega kif Stephanie Caruana u Francelle Buhagiar ser jagħtu s-sehem tagħhom fl-attivita ta' Jum Marsaskala kif ukoll ser ikunu qed ikantaw flimkien mal-kor u l-mużiċisti ġewwa l-Lokalita tal-Qala Għawdex b'konessjoni mall-ġemellaġġ bejn Marsaskala u l-Qala. Dawn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jagħmel tajjeb għal-ispejjes tat-trasport minn Marsaskala għall-Imġarr u lura mill-Imġarr għal Marsaskala li jammontaw għall-€255 eskluża t-taxxa.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.17 **Għaqda Bajja San Tumas:**

Is-Sindku ireffera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Bajja San Tumas fejn ġie mitlub li l-Kunsill jorganiżża attivita ta' sparar fuq il-plattini bħala parti mill-attivtajiet ta' Jum Marsakala u jieħu ħsieb il-premji neċessarji liema valur ma jaqbisx il-€250.

Kien hemm qbil unanimu.

4.18 **Tender għall-Polza ta' assigurazzjoni għall-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jixtieq li tinħareġ tender għall-insurance u qal illi l-insurance tal-Kunsill preżentament ma tkoprix *goods out in the open.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jiċċekja ma' Kunsilli Lokali oħra dwar dan kif ukoll ma' l-*accountant* tal-Kunsill.

4.19 **Sponsor ta' €500 mingħand Wasteserv:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja irrimarka illi ġab sponsor ta' €500 mill-Wasteserv u dawn ġew użati sabiex inkopru l-ispejjeż konessi mad-Douzelage.

Is-Sinjura Carmen Fearne staqsit jekk għandniex xi allokazzjoni propju għat-twinning.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi hemm allokazzjoni ta' flus għat-twinning li tammonta għall-massimu ta' €3500 fis-sena.

Is-Sur John Baptist Camilleri qal illi qed isiru ħafna ikliet in konessjoni mad-Douzelage fejn jidhru fil-pagamenti pero tajjeb li meta jkun hemm sponsor dan jidher imniżżel ukoll fl-iskeda tal-pagamenti.

5.0 **Mistoqsijiet**

Is-Sindku u l-Kunsilliera ma resqux mistoqsijiet.

6.0 **Mozzjonijiet**

6.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri (#205-14/06/10) :**

*"Jipproponi li fuq il-Moll ta' quddiem is-Summer Nights nagħmlu filata konkos biex intaffu xi ftit il-problema tal-baħar u nnaqsu l-periklu li xi ħadd jista` jaqa l-baħar bil-karozza, pjanta annessa."*

Il-Kunsill qabel illi għandna nkellmu lill-Perit tal-Kunsill qabel ma nieħdu passi.

6.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#206-14/06/10):**

*"Jipproponi quddiem ix-Charian Home nagħmlu 'Reserved Parking for Disabled', pjanta annessa."*

Il-Kunsill qabel li napplikaw.

6.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#210-8/07/10):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq in-Nadur k/m Triq l-Għassies il-bankina tiġi rranġata perress li fil-kantuniera baqgħet ħierga l-barra ħafna u għalhekk qed tkun ta' periklu peress li l-karozzi qed jaqgħu WRONG SIDE".*

Il-Kunsill qabel li ssir works order lill-Karmig sabiex il-bankina ssir splay.

6.4 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#211-8/07/10):***

*"Jipproponi sabiex fi Triq il-Gross k/m ma fejn iddur lejn Triq il-Friefet issir bankina ġdida."*

Il-Kunsill qabel illi nkellmu lill-Perit tal-Kunsill u nipproċedu bix-xogħol.

6.5 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier s-Sur John B. Camilleri (#212-8/07/10):***

*"Jipproponi sabiex Triq Wied il-għajn li twassal għal ħdejn iċ-ċanċu ż-Żejtun tiġi no entry għal trakijiet kbar peress illi t-triq hi dejqa ħafna."*

Il-Kunsill qabel illi niktbu lill-Kunsill taż-Żejtun u wara lill-ADT.

6.6 ***Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud (#213-23/07/10):***

*"Jipproponi sabiex isir floodlight ieħor bejn dak ta' quddiem The Well u dak li kien sar quddiem l-iskall ta' Triq is-Salini quddiem Promenade take away."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.7 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier s-Sur John B. Camilleri (#214-4/08/10):***

*"Jipproponi sabiex isir riflettur fil-bajja San Tumas."*

**Addenda**

Isir fanal ornamentali ħdejn il-bus stop.

Il-Kunsill approva unanimament.

6.8 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier s-Sur John B. Camilleri (#215-4/08/10):***

*"Jipproponi sabiex qabel ma tibda l-iskola nirranġaw sew il-ħitan maqlubin li hemm quddiem l-iskola u fejn hemm il-konkos isir imqar 4 pulzieri."*

Sar qbil dwar dan u li jsiru xi bushes kif ukoll inqabbd lill-Kuntrattur tagħna sabiex jirranġa l-biċċa sof area ta' quddiem l-iskola.

6.9 ***Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#216-5/08/10):***

*"Jipproponi sabiex jerġgħu jsiru t-telephone box u l-letter box fil-Bajja ta' San Tumas (ħdejn il-Fisherman's restaurant). Dawn kienu hemm qabel u qed ikun ta' inkonvenjent kbir għan-nies li joqgħodu f'dawn l-inħawi."*

Il-Kunsill approva unanimament.

6.10 ***Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#217-5/08/10):***

*"Jipproponi sabiex Triq is-Skiet tiġi ppeċjata sewwa jew tinkesa ħafif għax qegħda fi stat diżastrus. Il-bankini huma fi stat ħażin u perikoluż."*

Kien hemm qbil unanimu.

6.11 ***Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#218-5/08/10):***

*"Jipproponi sabiex tiġi rranġata u mnaqqsa l-kantuniera (bankina wiesa daqs ground) li hemm fi Triq il-Blajjiet u Triq is-Salvja għax tassew perikoluża u spiss ikun hemm inċidenti serji. Din il-bankina tant hi kbira li qed isservi biss bħala parkeġġ u b'hekk ikun perikoluż għal minn ikun ħiereġ jew sejjer dritt."*

Din il-mozzjoni ma ġietx approva.

7.0 **Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet MLC05/2010- *Supply and Installation of 9 benches* u MLC 06/2010 – *Cleaning of Culverts :***

Kwotazzjoni għal bankijiet għall-Ġnien David Vella –Il-Perit tal-Kunsill għażel bank u ħareġ speċifikazzjonijiet fuqu.

Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni tingħata lis-Sur Mario Mallia fejn qabel niċċekjaw jekk huwiex galvanizżat, li jkun preferibilment ta' kulur griż u li jitwaħħlu u mhux jitpoġġew.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Kwotazzjoni ta' culverts.

3 kuntratturi tefgħu l-offerta tagħhom għal din il-kwotazzjoni u ntgħażel il-Kuntrattur *General Ecological Services* għaliex kienet l-irħas offerta fosthom. Ta min jinnota li wieħed mill-Kuntratturi nesa jnizżel id-dettalji tiegħu.

8.0 ***Rapport mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi bgħatet programm ta' l-attivitajiet li ser ikunu qed jitellgħu għax-xahar ta' Settembru 2010, komplit tgħid illi fis-16 ta' Settembru dawk it-tfal li kienu żifnu fl-attivita ta' l-Arti fil-Beraħ fit-tieġ Malti ser jitilgħu jieħdu sehem fil-Lokalita' tal-Qala Għawdex, ħeġġet ukoll lill-Kunsilliera interessati li jattendu għal din l-attvita sabiex jgħidulha ħalli tagħmel arranġamenti ma' tal-coach.

8.2 Is-Sinjura Fearne qalet li ġewwa l-Qala Għawdex għall-attivita tal-Folk Festival International jattendu gruppi internazzjonali fejn għal din is-sena ser jiġu Malta u ser isir *coffee morning*. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-ikel.

8.3 Is-Sinjura Carmen Fearne informat lill-Kunsill illi fid-19 ta' Settembru 2010 il-*Blue sea sport angling club* ser tkun qed torganiżża attivita` ġewwa Marsaskala fejn ser jipprovaw jiksru *record* ta' l-akbar ammont ta' nies jistadu fl-istess post. Il-qliegħ min din l-attivita ser imur kollu għall-Puttinu Cares.

8.4 Is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ser jibda l-kors tal-crafts, kors tal-kompjuter għall-kbar u ser tibda l-preparazzjoni għall-Cultural Tours li ser ikunu fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru u l-aħħar Ħadd ta' Novembru 2010.

8.5 Is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ser issir ħarġa għat-tfal ta' l-iskola, dawn ser ikollhom tour madwar Marsaskala u l-Kunsill ser ikun qed jissusidja l-ħlas tal-private. Din hija parti mill-programm edukattiv u kulturali tal-Kunsill.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsill illi ser jiġi organizzat tournament tal-waterpolo amalgamat ma' l-attivitajiet ta' Jum Marsaskala. Is-Sur Spiteri qal illi l-unika spejjes li ser ikollu l-Kunsill huwa dak tal-ħlas tar-referees.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

8.7 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja propona li niktbu l-MTA sabiex l-alka ma tinġabarx u jħalluha fuq il-bajja minn Ottubru 2010 sa Mejju 2011 u dan peress li hemm ċans li l-istess alka tipproteġi r-ramel li hemm fil-bajja u b'hekk tista tikber il-bajja.

9.0 ***Aġġornament***

Il-Laqgħa spiċċat fl-10:00p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun Nhar It-Tlieta 28 ta' Settembru fis-6:30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku